MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 456/2005

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**vs**

**Joseph Pace**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat minn Joseph Pace fit-12 ta' Mejju, 2005, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

Permezz ta' sentenza moghija minn din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Ottubru, 2000, l-esponenti gie ikkundannat li jhallas is-somma ta' Lm1,265.02 *oltre* l-imghax u l-ispejjez.

*In esekuzzjoni* ta' din is-sentenza, s-socjeta' kreditrici otteniet l-hrug tal-mandat ta' qbid fuq indikat.

Dan il-mandat ta' qbid gie esegwit nhar it-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2005 fuq il-fond ossia *Flat numru 5, Fawwara Buildings, Triq Guzi Fava, Sliema* u gew maqbuda l-oggetti mobbli hemm indikati fl-atti ta' dan il-mandat.

Dan il-fond ma jappartjenix lill-esponenti izda lis-socjeta' *Joecar Limited* u *kwindi* l-oggetti hemm kontenuti fih jappartjenu ukoll lilha.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti *a tenur* tal-artikolu 283A tal-Kapitolu 12, toghgobha thassar u tannulla dan il-mandat ta' qbid bin-numru 242/05, *stante* illi l-esekuzzjoni tieghu giet mitluba fuq proprjeta' ta' terzi mhux debituri tas-socjeta' kreditrici.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata li in forza taghha ecepiet li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti tal-mandat numru 242/05;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li r-rikorrent kien konvenut fil-kawza fl-ismijiet *"Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Pace"* li giet decisa kontrih fit-2 ta' Ottubru, 2000.  F'dik il-kawza, il-konvenut gie ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,265.02 *oltre* l-imghax u l-ispejjez tal-kawza.  Illi *in esekuzzjoni* ta' din is-sentenza, is-socjeta' intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid numru 242/05, bl-esekuzzjoni tieghu intalbet li issir fil-fond *Flat 5, Fawwara Buildings, Triq Guze Fava, Sliema.  In forza* ta' dan il-mandat gew elevati diversi oggetti mobbli li kienu jinsabu f'dak l-appartament.  Ir-rikorrent Joseph Pace issa qieghed jitlob it-thassir ta' dak il-mandat *a tenur* tal-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li qed

jallega li l-oggetti elevati mhumiex proprjeta’ tieghu izda tas-socjeta’ *Joecar Limited.*

Giet sollevata l-irritwalita’ tal-procedura wzata.

Illi din il-Qorti, fil-fatt, tqies li l-procedura adoperata mhix dik idonea. L-artikolu 283A invokat jikontempla talba minn intimat f’mandat esekuttiv biex ihassar il-mandat ghal raguni valida fil-ligi. F’dan il-kaz, ma hemm xejn irregolari fil-hrug tal-mandat, u l-ilment huwa dirett lejn l-esekuzzjoni tal-mandat mhux il-hrug tieghu. Jekk, kif qed jigi allegat, gew elevati oggetti li ma jappartjeniex lid-debitur, dan ma jwassalx ghan-nullita’ jew ghat-thassir tal-mandat, izda *se mai* ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat *in kwantu* gew elevati l-oggetti *in kwistjoni*. L-interess guridiku biex tigi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat proprjetarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f’kaz li jigi allegat li oggetti elevati mhumiex tad-debitur izda ta’ terzi, il-gurisprudenza trid illi:

(i) il-kawza issir mit-terzi li qed jallega li l-oggetti elevati huma tieghu,

(ii) li l-kawza issir kontra l-kreditur u d-debitur, u

(iii) li l-kawza issir ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat *in kwantu* gew elevati l-oggetti tat-terzi.

(Ara “Formosa vs Grech”, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta’ Mejju, 1979; “Spiteri vs Perry”, decisa min din il-Qorti fl-14 ta’ Novembru, 1994, u “Tolio vs Komarzynic”, decisa wkoll min din il-Qorti fit-28 ta’ Mejju, 1999).

Il-procedura adoperata mir-rikorrenti hi, ghalhekk, ghal-kollox irritwali u t-talba ma tistax tigi kkunsidrata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara l-istess bhala irrita u nulla, u tillibera lis-socjeta’ intimata mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------